**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2511
Każ Numru 3577/KBC

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

Giannella Mifsud
u
[1] Skola Sekondarja tal-Konservaatorju tal-Isqof; u
[2] Christine Scerri

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tas-27 ta' Lulju, 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-impjieg tagħha kien ġie terminat għal raġuni nġusta, li ġiet soġġetta għal maltrattament u talbet li tingħata sommom lilha dovuti bħala pagi u tillikwida kumpens skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati tas-6 t'Ottubru, 2017, li permezz tagħha eċċepew (1) li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (2) li l-impjieg ġie tterminat fiż-żmien tal-prova; u (3) li r-rikorrenti tħallset dak kollu dovut lilha u talbu lit-Tribunal jiddikjara illi l-impjieg ġie tterminat waqt iż-żmien ta' prova u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Ra d-dokumenti kollha tal-każ;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li fis-seduta tal-1 ta' Diċembru, 2017, l-partijiet qablu li l-każ jitħalla għad-deċiżjoni preliminari senjament dwar il-punt, imqajjem mill-intimata Scerri fis-seduta tat-13 t'Ottubru, 2018, jekk Christine Scerri kelliex tiġi ntavolata bħala ntimata f'dawn il-proċeduri;

**Ikkunsidra:-**

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni sollevata mill-intimata Christine Scerri, ċioè li ma kellhiex tiġi ntavolata bħala ntimata fil-każ odjern u li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex il-prinċipal tar-rikorrenti kienet l-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof, dan it-Tribunal jinnota illi d-dokumenti eżebiti kollha jindikaw illi l-priċipal tar-rikorrenti kien effettivament l-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof, b'mod partikolari dokumenti konsistenti f'*payslips,* korrispondenza u ċekkijiet, ilkoll intestati bl-isem tal-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof jew *Bishop's Conservatory Secondary School.* It-Tribunal iqis ukoll illi huwa min jallega li jrid jipprova: *onus probandi incubit ei qui dicit, non ei qui negat.*[1] Fil-każ odjern ir-rikorrenti ma ttentatx tikkontradixxi bi prova konkreta dak eċċepit mill-intimata Scerri illi hija ma kienetx il-prinċipal tar-rikorrenti.

Mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-ġudikant lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk it-Tribunal ikun irid idur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinstabx, it-Tribunal ikollu jqis li l-parti rikorrenti tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir.[2] Għalhekk, it-Tribunal irid iqis ukoll li r-rikorrenti ma resqet ebda prova li tindika li Christine Scerri kienet il-prinċipal, jew waħda mill-prinċipali, attwali tagħha fil-jum tal-liċenzjament u allura dan it-Tribunal ser jikkonkludi li l-intimata Scerri ġiet imfittxija ħażin.

---

[1] **"Lenicker vs Camilleri",** Prim' Awla, 31 ta' Mejju 1972 u **"Aquilina vs Vella"**, Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995.
[2] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon.***

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni tal-intimata Christine Scerri illi hija ma kienetx il-prinċipal tar-rikorrenti, u b'hekk jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil-intimata Christine Scerri, salvi u impregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti *si et quatenus*.**

**(Iffirmat)**
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**